MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2014

Citazzjoni Numru. 361/2012

**Maria Lourdes Mifsud**
**vs**
**Peter Bugeja, Emanuel Bugeja, Patrick Bugeja u Catherine Grech**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentata mill-attriċi Maria Lourdes Mifsud fid-9 t'April 2012 li permezz tiegħu ġie premess:

Illi r-rikorrenti daħlet fi ftehim, ossia skrittura privata datata l-15 ta' Frar 2008 mal-intimati b'liema ġie miftiehem kif ser titħallas kumpens għal serviġi li rrendiet lil Bernard Bugeja;

U illi dan il-ftehim kien sar fuq pressjoni tal-intimati jew min minnhom immedjatament wara l-mewt ta' Bernard Bugeja u meta r-rikorrenti kient għadha taħt xokk u

mfixxkla bil-mewt ta' ħuha, tant li kienet anke qed tieħu l-*valium;*

U illi għalhekk meta sar dan il-ftehim hija ma kenitx f'sikkitha u ma setgħetx tilqa' għall-pressjoni li għamlulha l-intimati jew min minnhom sabiex tiffirma l-iskrittura privata in kwistjoni;

U illi fil-fatt frott tat-tfikkil li kellha lanqas ma ftakret li fis-sena 1994 quddiem l-Avukat Joseph Mifsud hija kienet diġa' daħlet fi ftehim ieħor mal-intimata Peter u Emanuel Bugeja u ma' missier l-intimati l-oħra Patrick Bugeja u Catherine Grech fejn ġie regolat is-serviġi li kienet ser tingħata mal-mewt ta' ħuha Bernard Bugeja;

U illi għalhekk l-istrittura fuq imsemmija tal-15 ta' Frar 2008 sar bl-ingann u meta r-rikorrenti ma kenitx fi stat li tidħol f'kuntratti, u għalhekk huwa null fil-liġi;

U illi fil-fatt l-iskrittura privata tas-sena 1994 kien inżamm minn Peter Bugeja li issa qed jinnega li għandu kopja tal-istess;

U illi skont dik l-iskrittura (tas-sena 1994) kien ġie miftiehem li l-kumpens li kellu jingħata lir-rikorrenti talli kienet qed tieħu ħsieb lil ħuha Bernard Bugeja sa l-aħħar nofs ta' ħajtu kien li tingħata d-dar kollha ta' 53, Main Street, Qrendi;

U illi dan il-kumpens kien qed jingħata lilha talli hi ħadet ħsieb lil Bernard Bugeja u lil missierhom tul ħajjitha kollha barra l-erba' snin li għamlet imsiefra minn Malta;

U illi kif ser jirriżulta dawn is-serviġi kienu onerużi ħafna anke peress li Bernard Bugeja kien għami, mentalment ritardat, u kien ibati minn diversi mard inkluż id-dijabete, u kienu ingħataw esklussivament mir-rikorrenti u t-tfal tagħha mingħajr ebda forma ta' assistenza jew support minn ħutha l-oħrajn.

Għaldaqstant ir-rikorrenti jitolbu bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha, prevja kull dikjarazzjoni xierqa u opportuna:

1. Taqta' u tiddeċiedi li l-iskrittura privata tal-15 ta' Frar 2008 huwa null u bla ebda effett legali għar-raġunijiet fuq esposti u li ser jirriżultaw tul it-trattazzjoni tal-kawża;

2. Konsegwentement tillikwida hija stess anke permess ta' periti nominati minn dina l-Onorabbli Qorti jekk ikun meħtieġ dak il-kumpens xieraq dovut lir-rikorrenti għas-serviġi minnha reżi u dana fl-assenza ta' kopja awtentika tal-ftehim magħmul fis-sena 1994 kif fuq spjegat.

Bl-ispejjeż u l-inġunzjoni in subizzjoni tal-intimati.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti Peter Bugeja, Emanuel Bugeja, Patrick Bugeja u Catherine Grech preżentata fl-10 ta' Mejju 2012, li permezz tagħha eċċepew:

1. Illi preliminarjament ir-rikorrenti għandha tiddikjara bl-aktar mod ċar il-bażi tal-azzjoni tagħha u partikolarment il-vizzju tal-kunsens li tilmenta minnu u li fil-fehma tagħha jġib in-nullita' tal-iskrittura tal-15 ta' Frar 2008. F'dan is-sens il-konvenuti qiegħdin jirriservaw id-dritt li jressqu eċċezzjonijiet ulterjuri wara li l-attriċi tagħti l-kjarifiki rikjesti;

2. Illi mingħajr preġudizzju jekk l-azzjoni attriċi hija bbażata fuq allegat vizzju tal-kunsens naxxenti minn vjolenza ta' natura morali jew li addirittura hija kienet fi stat ta' interdizzjoni, l-istess azzjoni attriċi hija preskritta *ai termini* tal-artikolu 1222 tal-kapitlu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-eċċipjenti qegħdin jikkontestaw it-talba tar-rikorrenti għal ħlas tas-serviġi pprestati lil ħuhom Bernard Bugeja *stante* illi dan il-ħlas għandu jiġi regolat skont l-

Assenjazzjoni ta’ Stabili tas-7 t’April 1984 in atti Nutar Dottor Nicola Said, u l-iskrittura privata tal-15 ta’ Frar 2008 in atti Nutar Dottor Philip Said.

4. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-azzjoni tar-rikorrenti kienet intenzjonata biss biex ikun hemm *delungar* tal-proċeduri, in kwantu din il-kawża ġiet intavolata *in extremis* sabiex ir-rikorrenti tipprova trendi ineffettiva l-possibbilta’ ta’ deċiżjoni favur il-konvenuti fuq l-istess mertu fil-kawża quddiem din l-istess Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet ***“Peter Bugeja et vs Maria Lourdes Mifsud”*** *(Ċit. Nru 1011/10JA)* li tħalliet għat-28 ta’ Mejju 2012 għas-sentenza;

5. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost ir-rikorrenti qiegħda tivvanta pretensjonijiet frivoli, u l-azzjoni attriċi m’għandha l-ebda bażi fattwali u hija priva minn kull fundament ġuridiku;

6. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li hija minn issa nġunta in subizzjoni u b’rizerva ta’ kull azzjoni ulterjuri nkluża dik ta’ danni spettanti lill-intimati skont il-liġi.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenuti u l-lista tax-xhieda.

Rat illi din il-kawża mxiet mal-kawża fl-ismijiet inversi li ġġib in-numru 1011/10 JA u għal kull buon fini l-Qorti qed tiddikjara li l-provi li nġabru f’dik il-kawża jikkostitwixxu prova f’dik odjerna u viċi versa;

Semgħet il-provi u rat l-affidavits;

Rat il-verbal tas-seduta tat-2 ta’ Dicembru 2013 fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet;

Ikkunsidrat;

Illi l-attrici qed titlob dikjarazzjoni ta’ nullita’ ta’ skrittura li hija u l-konvenuti ffirmaw fl-2008. Din il-kawża ġiet istitwita wara li *ai termini* ta’ dik l-iskrittura fil-kawża l-oħra ġja’ msemmija l-konvenuti f’din il-kawża talbu li tiġi żgumbrata mill-fond 53, Main Street il-Qrendi biex ikunu jistgħu jbiegħu l-istess fond u jaqsmu r-rikavat wara li l-istess attriċi f’din il-kawża tiġi assenjata s-somma ta’ għoxrin elf lira Maltin (Lm20,000) u assaldu ta’ ħlas ta’ serviġi li hija għamlet ma’ ħuhom Bernard, illum mejjet. Hija kellha tiġi wkoll assenjata s-sehem li kien jispetta lill-imsemmi Bernard Bugeja.

Illi l-attriċi qed tallega li hija ma kinitx fi stat li tidħol f’kuntratt u li l-istess kuntratt sar bil-qerq fil-konfront tagħha. Għalhekk biex wieħed juża l-istess kliem tal-ligi, qed tallega l-**iżball** u l-**qerq** (artikli 974 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili).

Illi s-sentenza fl-ismijiet **“Vincenza Vassallo vs Edgar Caruana Montalto”** (deċiża fit-23 t’Ottubru 2001) tindika fid-dettall ir- rekwisiti biex kuntratt jiġi dikjarat null skont il-liġi tagħna; l-iżball irid ikun fuq is-*sustanza, determinanti u skużabbli*; fir-rigward u għal kull buon fini, il-Qorti tagħmel riferenza għad-diversi sentenzi oħra msemmija f’din is-sentenza.

Illi jekk wieħed jeżamina l-kuntratt li trid tannulla l-attriċi pero’ jieħu ndikazzjoni ċara li ma jissussistu ebda waħda minn dawn ir-rekwiżiti fis-sens li normalment wieħed ikun irid jannulla l-kuntratt in kwistjoni għaliex ikun hemm xi ħaġa li ma tkunx favorevoli għalih. Fil-każ in eżami, il-kondizzjonijiet kontenuti fil-kuntratt ma huma xejn sfavorevoli għall-attrici. Wieħed ma jistax jimmaġina x’vantaġġi oħra setgħet tieħu mill-vertenza li kellha ma’ ħutha wara l-mewt tal-ġenituri tagħha u ta’ ħuha. Għalhekk żgur li ma għamlet ebda żball u lanqas ġiet imqarrqa.

Illi jirriżulta li ndubbjament l-attriċi ħadet ħsieb ħuha li kien marid għal snin twal – u ta’ dan ħaqqha tifħir – iżda kif xehdu ħutha jidher li hija qatt ma kellha xebgħa għall-pretensjonijiet tagħha u istitwiet din il-kawża biex tibqa’

żżomm f’idejha l-fond ġja’ msemmi – naturalment wara li l-konvenuti ipproċedew kontra tagħha biex tiġi eżegwita dik l-iskrittura. Jidher li mhux biżżejjed għaliha li ħadet sehem ħuha stess għax riedet terġa’ tieħu għoxrin elf lira Maltin (Lm20,000) oħra. Dan wara li fl-1984 wara l-mewt tal-ġenituri kienet ġiet mogħtija $^{3}/_{5}$ (sehem tnejn mill-konvenuti u l-awtur ta’ tnejn oħra minnhom) minn proprjeta’ oħra u dan bħala ħlas għas-serviġi li kienet għamlet ma’ ħuha Bernard.

Illi għal kull buon fini għandu jingħad ukoll li l-attriċi ma ppruvat xejn mill-allegazzjoni ta’ qerq jew li ma kinitx taf x’qegħda tagħmel. Il-fatt li kienet qed tieħu l-valium f’dak iż-żmien u li kellha forma leġġera ta’ depressjoni skont it-tobba li xehdu mhux biżżejjed biex il-kuntratt jiġi dikjarat null. Ma hemm assolutament ebda prova notevoli biex twassal lill-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-konvenuti pprattikaw xi raġġiri biex iġiegħlu lill-attriċi tagħti l-kunsens tagħha kontra l-volonta’ tagħha.

**DEĊIŻJONI**

**Għal dawn il-motivi, il-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa’ l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti u tiċħad it-talbiet tal-attriċi bl-ispejjeż kontra tagħha.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------